MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 13 ta' Gunju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Dennis Zammit**
**(Karta tal-Identita` numru 235174M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Dennis Zammit** talli f'dawn il-Gzejer bejn it-12 ta' Gunju 2019 u l-gimghat/xhur ta' qabel naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), li biha inghata l-helsien mill-arrest.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-gdid u s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lill-imputat;

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi jirrizulta illi skond digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest fir-23 ta' Marzu 2018, bil-kundizzjoni, fost ohrajn illi jiffirma kuljum fl-Ghassa tal-Hamrun bejn it-8am u t-8pm.

Illi mill-*bail book* ipprezentat jirrizulta illi mill-31 ta' Dicembru 2018 sal-gurnata tal-lum l-imputata naqas li jiffirma f'ghadd ta' granet. Partikolarment il-Qorti tinnota li l-ahhar data li fiha ffirma l-imputat hija dik tat-13 ta' Mejju 2019. Fil-waqt li mill-*case summaries* tal-Isptar esebiti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputat dahal l-Isptar Mater Dei bhala pazjent mit-18 ta' Frar 2019 sal-21 ta' Frar 2019 u mill-21 ta' Mejju 2019 sat-23 ta' Mejju 2019, u allura f'dawn il-granet jista' jigi skuzat li ma ffirmax, ma offra l-ebda skuza ragjonevoli ghala ma ffirmax fil-granet l-ohra kollha jew ghallinqas ghala ma nfurmax lill-Pulizija jekk kien ma jiflahx kif allegat minnu. Illi mix-xhieda tal-imputat stess jirrizulta illi huwa jaghmel xi tip ta' attivita` fejn jiehu hsieb xi annimali. Dan ma jikkorrabora xejn mal-fatt li qal li ma setghax imur jiffirma minhabba li d-dawl jaghmillu l-hsara.

Illi mix-xhieda ta' oht l-imputat, Chantelle Zammit, jirrizulta illi hija kienet marret diversi drabi tirraporta gewwa l-Ghassa tal-Hamrun dwar suspetti li kellha li huha l-imputat kien qed jaghmel uzu minn sustanza illecita. Madankollu, jirrizulta illi flok ma ittiehdu xi passi, hija giet diretta biex tmur tirraporta lill-Ufficjal Prosekutur f'dan il-kaz. Il-Qorti tqis illi jekk dan huwa l-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jordna investigazzjoni dwar dan il-fatt ghaliex fil-fehma ta' din il-Qorti jista' jkun hemm xi nuqqasijiet. Dan qieghed jinghad ukoll fid-dawl illi kien car illi l-imputat sa minn Jannar 2019 kien qieghed b'mod regolari jonqos milli josserva l-kundizzjoni tal-iffirmar kuljum u baqa' jaghmel hekk ghal numru ta' xhur minghajr ma' min kien responsabbli gibed l-attenzjoni tal-Ufficjal Prosekutur ghal kwalunkwe azzjoni li kienet necessarja.

Illi l-Qorti tqis illi meta Qorti timponi kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest dawn ma jigux imposti b'mod legger. Il-kundizzjoni tal-iffirmar hija kundizzjoni importanti hafna u ma tistghax tigi njorata jew li l-iffirmar isir meta wiehed ifettillu. Fid-digriet stess hemm imnizzel bl-iktar mod car x'wiehed ghandu jaghmel jekk ma jkunx jista' jmur jiffirma. Pero`, nonostante li l-imputat kellu ammont ta' flus

konsiderevoli biex jaghmlu tajjeb ghall-osservanza tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest, jidher li xorta ghazel li ma jharisx l-istess kundizzjonijiet.

Illi filwaqt li l-Qorti tifhem li l-imputat kien l-Isptar numru ta' granet, b'dana kollu dan ma jiggustifikax in-nuqqas tal-granet kollha li fihom naqas li jiffirma l-*bail book*. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-imputazzjoni giet ippruvata.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 579 tal-Kodici Kriminali qieghda tiddikjara lill-imputat Dennis Zammit hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal multa ta' mitejn ewro (€200).**

**In oltre ai termini tal-Artikolu 579 (1) u (3) tal-Kodici Kriminali il-Qorti tordna l-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tas-somma stabbilita fil-helsien mill-arrest taht garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Magistrat Dr. Grazio Mercieca, tat-23 ta' Marzu 2018, ossia s-somma ta' hamest elef ewro (€5000) in kwantu depositu u s-somma ta' ghaxart elf ewro (€10,000) in kwantu garanzija personali, b'kollox ghalhekk is-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000). Il-Qorti tordna wkoll ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-hati Dennis Zammit.**

**Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.**

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur